L-Awtorità tax-Xandir
MALTA
Broadcasting Authority

Is-Sur Ralph Cassar
Segretarju Ġenerali
ADPD

30 ta' Marzu, 2023
Ref. 24/23

Għażiż Sur Cassar,

Ilment minn ADPD vs. ONE

Mehmuża ma' din l-ittra għandek issib id-deċiżjoni tal-Awtorità tax-Xandir rigward l-ilment imressaq minn ADPD rigward nuqqas ta' rappurtaġġ tal-konferenza stampa dwar l-isptarijiet tal-11 ta' Marzu, 2023.

Inselli għalik,

Frank V. Farrugia
Chairman

7 Mile End Road, Hamrun HMR 1719, Malta
Telephone: +356 2201 6000, E-mail: info.ba@ba.org.mt
www.ba-malta.org

**Deċiżjoni dwar ilment imressaq mill-ADPD kontra ONE NEWS dwar in-nuqqas ta' rappurtaġġ rigward konferenza tal-aħbarijiet tal-11 ta' Marzu 2023**

L-Awtorità kellha quddiemha lment mill-ADPD fil-konfront tal-aħbarijiet tal-ONE minħabba li l-istazzjon ONE ma rrappurtax konferenza tal-aħbarijiet li saret mill-ADPD, liema konferenza saret fil-11 ta' Marzu 2023.

Preżenti għal din il-laqgħa li saret fl-20 ta' Marzu, dehru ċ-Chairperson tal-ADPD Carmel Cacopardo u s-Segretarju Ġenerali tal-ADPD is-Sur Ralph Cassar. Għall-istazzjon ONE dehru l-Kap tal-Aħbarijiet is-Sur Sandro Mangion assistit minn Dr Ramona Attard.

Il-Perit Cacopardo qal li l-ADPD ilmenta minħabba li sistematikament il-ONE ma jirrappurtax il-konferenzi jew l-istqarrijiet tal-ADPD. Filwaqt li rrefera għas-sentenza riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali, il-Perit Cacopardo qal li l-Qorti qalet li l-imparzjalità fix-xandir mhijiex limitata għax-xandir pubbliku u l-istazzjonijiet l-oħra għandhom ukoll l-obbligu li jkunu imparzjali. Qal li l-Kostituzzjoni ma tagħmilx differenza bejn il-partiti u l-obbligu ta' imparzjalità trid issir mingħajr distinzjoni ta' partiti. Sostna li minkejja d-diskrezzjoni editorjali, l-istazzjonijiet privati wkoll iridu jħarsu l-obbligu tal-imparzjalità.

Għall-ONE, Dr Ramona Attard irreferiet għal Artiklu 13 (4) tal-Att dwar ix-Xandir u Artiklu 119 tal-Kostituzzjoni u qalet li bħalissa dawn qed jiġu eżaminati f'kawża fil-Qorti. Qalet li l-iskop ta' Artiklu 119 tal-Kostituzzjoni kien promulgat meta l-uniku xandir kien ix-xandir tal-istat iżda Artiklu 13 tal-Att dwar ix-Xandir imbagħad jagħti d-diskrezzjoni lill-Awtorità biex tara l-firxa wiesgħa. Dr Ramona Attard qalet li meta l-istazzjon ONE jara li hemm valur ta' aħbar fil-konferenzi jew stqarrijiet tal-ADPD, dawn jiġu rrappurtati u fakkret li l-istazzjon għandu d-diskrezzjoni editorjali ta' x'aħbarijiet jiġu rrappurtati jew imxandra.

Wara li semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet, għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:-

L-Awtorità rat li l-konferenza stampa tal-ADPD kienet tittratta l-isptarijiet u dan fl-isfond tal-kontroversja kurrenti dwar is-sentenza tal-Qorti dwar il-kuntratt tal-isptarijiet.

Kif l-Awtorità qalet f'deċiżjonijiet passati, huwa minnu li kull kamra tal-aħbarijiet għandha d-diskrezzjoni editorjali tagħha u tanalizza jekk attività jew stqarrija jkollhiex valur ta' aħbar għaliex il-fatt li partit joħroġ stqarrija m'għandux ifisser dritt awtomatiku ta' rappurtaġġ. Madankollu hija diffiċli li wieħed jifhem li fl-ebda mill-konferenzi jew mill-istqarrijiet li jtellgħu l-ADPD ma jkun hemm valur ta' aħbar, aktar u aktar meta kif qal fis-sottomissjonijiet tiegħu l-istazzjon ONE l-aħħar aħbar li xxandret dwar l-ADPD tmur lura għal Novembru tas-sena l-oħra. Il-fatti juru li sistematikament l-istazzjon ma xandar l-ebda dikjarazzjoni tal-ADPD matul dawn l-aħħar xhur.

Fid-dawl tat-Taqsima 4 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 350.14, l-Awtorità tilqa' dan l-ilment minħabba li bulettin ta' aħbarijiet għandu jinkludi akkuratezza u fatti li jkollhom valur ta' aħbar. Għaldaqstant l-Awtorità qed titlob li l-istqarrija tal-ADPD għandha tiġi rrappurtata fil-bulettin tat-30 ta' Marzu 2023.

30 ta' Marzu 2023